

22005D0711

L 269/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.10.2005

DEĊIŻJONI Nru 1/2005 TAL-KUMITAT KONĠUNT KE-EFTA DWAR IS-SIMPLIFIKAZZJONI TA' FORMALITAJIET F'KUMMERĊ TA' MERKANZIJA**ta' l-4 ta' Ottubru 2005****li tistieden lir-Rumanija taderixxi mal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija**

(2005/711/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija ⁽¹⁾, (minn hawn 'il quddiem imsejja "il-Konvenzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) Fit-tħejjija għall-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Rumanija l-iskambju ta' merkanzija ma' dan il-pajjiż jiġi ffaċilitat bis-simplifikazzjoni ta' formalitajiet li jaffettwaw il-kummerċ ta' merkanzija bejn dan il-pajjiż u l-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera.
- (2) Bil-ħsieb li tinkiseb tali faċilità hu xieraq li r-Rumanija tiġi mistiedna taderixxi mal-Konvenzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Rumanija hi mistiedna, fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Rumanija meħmuża ma' din id-Deċiżjoni, biex taderixxi mal-Konvenzjoni skond l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni mill-1 ta' Jan-nar 2006.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Basel, 4 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
Rudolf DIETRICH

⁽¹⁾ ĠU L 134, 22.5.1987, p. 2. Konvenzjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nr 2/95 tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA (ĠU L 117, 14.5.1996, p. 18).

ITTRA Nru 1**Komunikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA li tistieden lir-Rumanija taderixxi mal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija**

Sinjur,

Għandi l-unur ninfurmak dwar id-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija ta' l-4 ta' Ottubru 2005 li tistieden lir-Rumanija biex taderixxi mal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija.

L-adeżjoni tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tista' ssir billi tiddepożita l-Istrument ta' Adeżjoni tagħha mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea flimkien ma' traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-Lingwa Uffiċjali tar-Rumanija skond l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Ghodni dejjem tiegħek,

*Is-Segretarju Ġenerali
Segretarjat Ġenerali tal-
Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

ITTRA Nru 2**Strument ta' Adeżjoni tar-Rumanija mal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija**

Rumanija,

Li tirrikonoxxi d-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija ta' l-4 ta' Ottubru 2005 li tistieden lir-Rumanija biex taderixxi mal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija,

Li tixtieq issir Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni,

HAWNHEKK

Taderixxi mal-Konvenzjoni;

Tehmeż ma' dan l-Istrument traduzzjoni tal-Konvenzjoni fil-lingwa uffiċjali tar-Rumanija;

Tiddikjara li taċċetta r-Rakkomandazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA dwar is-simplifikazzjoni ta' formalitajiet f'kummerċ ta' merkanzija bejn l-4 ta' Ottubru 2005 u d-data li fiha l-Adeżjoni tar-Rumanija ssir effettiva skond l-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni.

Magħmul fi ...

Għar-Rumanija